
MONS SION IN JERUSAL



Ir-Rhieb Franġiskani
U Nsara minn Ġerusalem
Fuq xatt ix-xmara tal-Ġurdan
Meta jagħmlu ż-żjara flimkien
Fl-aħħar Ħamis t'Ottubru
Kull Sena.

Is-Seba' Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1961 Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA






Is-Seba' Sena — OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1961 — Għadd 4.


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Kemm hi Sabiħa l-Mewt! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 97

Il-Vanġelu ta' San Ġwann (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 98

Xebbiet Russi Jqimu 'l Alla (Patri Nazju Gelossojan, O.F.M.) ... ... ... 100

Il-Għarusa tan-Nil (P. Gawdenz Governanti, O.F.M.) ... ... ... ... 102

Il-Kolleġġi tat-Terra Santa (Fra Stiefnu Xara O.F.M.) ... ... ... ... 105

Iż-Żarbun tal-Ważir (P. Bonaventura Qassis O.F.M.) ... ... ... ... ... 106

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... ... 109

Ġesù Kristu fil-Qorân (P. Carlo Cornille, O.F.M.) ... ... ... ... ... 113

Min Jieħu Ħsieb tat-Terra Santa (Dun Xand Cortis, Miss. Apost.) ... ... 117

Lejliet It-Tieġ (P. Salim Ħabib, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 120

Mawra sa Betlehem (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 121

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 127

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# KEMM HI SABIHA L-MEWT!

*Biex tkûn tâf kemm hu sabîħ il-mistrieħ, qabel xejn, trîd tkûn tâf kemm hija kerha l-għajja. Għax fid-dinja, biex tagħraf ħâġa, trîd dejjem tqîsha ma' ħâġa oħra. U x'inhi l-għajja? Il-għajja hija d-diqa, li titnissel mill-ħela tas-saħħa, li tiġi mix-xogħol. Mhux minn dak il-logħob u l-mogħdija taż-żmien, li drâbi jgħidulu xogħol, imma mix-xogħol ta' bil-ħaqq, li jkidd u jaħli, għax bîh il-ġisem jixba' jaħmel, u l-moħħ jiddejjaq jaħseb.*

*U x'inhi l-ħajja tal-veru Nisrâni? X'inhi l-ħajja ta' dâk il-bniedem li jâgħti rûħu biex jgħîx fuq it-tagħlim ta' Ġesù? Il-ħajja tan-Nisrâni tassew, kif ħabbar Ġesù nnifsu, għandha tkun ħajja ta' għaks u tbatija. Ġesù stqarr kif fetaħ fommu, fit-Taħdîta l-Kbîra li għamel bħala Messija, fûq il-għôlja: "Imberkîn intom il-foqra! Imberkîn intom li tbâtu l-ġuħ! Imberkin intom li tibku! Imberkn intom il-mistkerrha, il-misħûta u l-maħqûra!" (Luqa VI, 20-23; Matt. V, 3-21). U ftît wara qal ukoll: "Qisu li ma jkollkhomx ġîd fûq l-art!" (Matt. VI, 19). U darba oħra: "Tkunu mibgħûda minn kull ħadd, imħabba fija." (Matt. X, 22; Mark, XIII, 13; Luqa, XXI, 17).*

*Kîf, mela, stqarr Ġesù, l-Imgħallem tal-Insâra, ix-xorta ta' ħajja li għandhom jgħaddu dawk li jilqgħu t-tagħlim tiegħu għandha tkun ħajja ta' faqar, bil-ħmîl, u d-dwejjaq, u l-hemm li jġib miegħu. Għalhekk lil kull min kien irid imûr miegħu Ġesù jgħidlu mill-ewwel: "Biegħ kull ma għandek, qassmu lil foqra, u mbagħad ejja wrajja!" (Matt. XIX, 16; Mark, X, 21; Luqa, XVIII, 18). Għax mîn hu fqîr jinbagħad u jinħaqar bla ma jaf kif u l-għala; u trâku jsîb rûħu mdawwar bil-għedewwa, la darba jimxi bil-maqlûb tad-dinja: hi tfittex il-għâna u l-għaxqiet, u hu jfittex il-għaks u l-faqar (Luqa, XVI, 15). Għalhekk il-ħajja tan-Nisrâni tassew, ma tistax tkun ħlief għajja u wġiegħ fil-ġisem, u dwejjaq u mrâr fil-qalb.*

*Trîd târa kîf għandu jgħix in-Nisrâni tassew, fid-dinja? Ara ftit San Pawl kîf għadda ħajtu. Jiġri minn art għall-oħra, imfittex għal mewt. Imwarrab, saħansitra, minn wîsq fost l-Insâra sħâbu. Jaħdem u jagħned għal biċċa tal-ħobż li jiekol. Imkarkar quddiem il-Qrâti. Mitfugħ il-ħabs, u msawwat, u mħaġġar kemm il-darba, u fl-aħħar maqtûl. Dak hu n-nisrâni ta' bil-ħaqq, għax Ġesù wkoll kien maħqûr; u l-ħaddiem għandu jaqbel ma' mgħallmu (Matt. X, 24-25; Ġwann, XV, 20).*

*Kîf tista', mela, ma tkunx ħelwa u sabîħa l-Mewt, għal min jgħaddi ħajja bħal dî, jiġifieri għal veru Nisrâni? Kîf ma jkunx milqûgħ bl-akbar ferħ, il-ħrûġ minn din id-dinja tal-hemm u d-dlamijiet? Min ma jsellimx bil-merħba l-ħelsien minn dan il-wied tad-dmûgħ, kollu xewk u għollieq u sriep imsemma? Tassew, għan-Nisrani s-siegħa tal-mewt hija s-siegħa tar-Rebħa. U kemm qal sewwa Ġesù darba: "Meta l-oħrajn jitregħdu, bil-biża' ta' dak li jkun ġej fuqhom, intom ifirħu u erfgħu 'l fuq il-ħarsa tagħkom, għax għalikom ikun wasal il-ħelsien!" (Luqa, XXI, 28).*

*Kemm hi sabîħa l-għaxija, għal mîn ikûn għadda nhâr jaħdem, jagħraq u jixraq, fis-sirġa tax-xemx! U għal mîn ikûn għadda ħajja ta' hemm u tbatija, kif għandha tkun il-ħajja ta' kull Nisrâni, kemm hija sabiħa l-Mewt.*

***ID-DEREZZJONI***